MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1799/2003

**Henry Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Mosta Technopark Tenants Association**

**Vs**

**DI Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1367.79) rapprezentanti kwantu ghal Lm014.88 bilanc ta' service charges tal-areas F11 u F11A tal-Mosta Technopark ghall-perijiodu mill-1 ta' Lulju 2003

sal-31 ta' Dicembru 2003 u kwantu ghal Lm352.01 bhala charges minhabba dewmien fil-pagamenti.
Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur nomine li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1367.79) , bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------